MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2974/2002

**Megabyte Limited**

**Vs**

**Dix Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm177.92c (mija u sebgha u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta rrispondiet li l-azzjoni hija preskritta u dan ai termini tal-artikolu 2148(a).

Ra d-dokumenti esebiti.
Ra s-seduta datata fl-14 ta' Mejju, 2003 li fiha xehed Alan Grima, prodott mis-socjeta' konvenuta, fejn l-ammonti dovuti lil Megabyte huma kollha imhalsin. Jghid ukoll li l-

ammont mitlub f'din il-kawza qed jirriferi ghal "issues" antiki fejn is-socjeta' konvenuta kienet xtrat xi affarijiet li kienu difettuzi u regghu rritornawhom lura. Wara din l-okkazjoni s-socjeta' konvenuta baqghet tixtri minghand is-socjeta' attrici u kull darba li kienu jhallsu Megabyte kienu dejjem jaccetawhom il-pagamenti.

Ra l-kontro-ezami li fiha jghid li kien hemm perjodu fejn is-socjeta' konvenuta hallset l-ammont ta' Lm785.00c (seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin) izda s-socjeta' attrici kienet qalet li huma ma hallsux dan l-ammont izda ammont izghar cioe ta' Lm645.00c (sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltin). Dana jirrisulta anke fl-istatements. Jiftakar fejn darba kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici kont "pending" biex setghu jixtru l-affarijiet minghandhom. Jikkonferma li wara dana l-incident baqghu jixtru u jhallsu l-affarijiet minghand is-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Antoine Baldacchino fejn qal li s-socjeta' konvenuta qalu li hallsu Lm785.00c (seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin) izda fil-fatt huma hallsu Lm645.00c (sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltin) u allura hemm differenza ta' Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin) Il-bilanc ta' Lm37.92c (sebgha u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) huma ta' zewg invoices fejn Alan Grima kien ikkonferma li l-firma fuq dawn l-invoices huma t-tnejn ta' impjegat ta' Dix Company Limited. Jghid ukoll li l-ahhar pagament mis-socjeta' konvenuta kien sar fis-sena 2002.

Ra li giet presentata kopja ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Novembru, 2002 fejn intalbet is-somma ta' Lm177.92c (mija u sebgha u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata u servizzi.

Ikkunsidra li l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili jipprovdi li "actions of tailors, shoemakers…. and other persons exercising any trade or mechanical art, for the price of their work or labour or the materials supplied by them….are barred by the lapse of eighteen months".

Illi skond Antoine Baldacchino li xehed ghan-nom tas-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm177.00c (mija u sebgha u sebghin lira Maltin) jikomprendi Lm140.00c (mija u erbghin lira Maltin) li huwa ammont dovut wara invoice ghal Lm785.00c (seba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin) u hlas ta’ Lm645.00c (sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltin). Dan kien fit-2 ta’ Gunju, 1997. Hemm ukoll bilanc ta’ Lm37.92c (sebgha u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) zewg invoices datati 28 ta’ Lulju, 1998 u 30 ta’ Settembru, 1998.

Illi kif jirrisulta mix-xhieda ta’ Alan Grima ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta l-istess socjeta’ konvenuta kienet tixtri minghand is-socjeta’ attrici u terga tbiegh dawn l-oggetti.

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici tippretendi li dan mhux bejgh “retail” izda bejgh “wholesale” u ghalhekk ma japplikax l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Illi huwa principju stabilit fil-gurisprudenza Maltija li ghal finijiet ta’ preskrizzjoni l-ligi tikkunsidra biss in-natura tal-bejgh fih innifsu u ma ghandha l-ebda rigward ghal partijiet u l-professjoni taghhom (ara Fenech Vs Galea Vol. XXI – 1 – 406, Camilleri Vs Cremona noe Vol. XLVII - III - 1134).

Illi jekk il-bejgh huwa kunsidrat bhala “retail” ghandu japplika l-artikolu 2148(a) jekk il-bejgh huwa wholesale ghandu japplika artikolu iehor (ara Appell Inferjuri Petroni Vs Camilleri 13/1/1999). Illi wholsale huwa “a sale in large quantity to one who intends to resell”. Illi f’dan il-kaz hekk gara ghalhekk l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni hija michuda.

Is-socjeta’ konvenuta ma ta l-ebda eccezzjoni fil-mertu ghat-talba attrici, dan ifisser li apparti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni s-socjeta’ konvenuta ma kellhiex eccezzjoni ohra.

Ghaldaqstant, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm177.92c (mija u sebgha u sebghin lira Maltin u tnejn u

disghin centezmu) bl-imghax mit-8 ta' Novembru, 2002 u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------